**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Inferjuri**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta 8 ta' Marzu, 2016**

**Avviz numru:- 8/2013JVC**

**Eucharist Gauci**

**Vs**

**Joseph Gauci**

Il-Qorti;

Rat l-avviz li permezz tieghu l-attur ippremetta:-

Illi l-konvenut huwa debitur ta' l-attur fl-ammont kumplessiv ta' ghaxart elef mija hamsa u ghoxrin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€10,125.82) rapprezentanti, fost ohrajn, spejjez u xoghlijiet inkorsi mill-attur fl-interessi tal-konvenut fil-proprjeta' ta' l-istess konvenut bl-isem "St. Joseph", Triq iz-Zirzieb, Xlendi, Ghawdex u fil-partijiet komuni ta' l-istess blokka fuq rikjesta u nkarigu tal-konvenut stess.

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmi ammont ta' ghaxart elef mija hamsa u ghoxrin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€10,125.82).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezenti sal-jum tal-pagament effettiv, u bl-ingunzjoni in subizzjoni tal-konvenut.

Rat ir-risposta ta' Joseph Gauci fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra l-attur u dan ghas-segwenti ragunijiet:

i. Qabel xejn l-attur ghandu jaghti spjegazzjoni ta' kif wasal ghall-figura pretiza minnu u jipprezenta kemm rendikont iddettaljat ta' kif wasal ghal dik il-figura kif ukoll jipprezenta d-dokumenti li fuqhom huwa qieghed isejjes it-talba tieghu.

ii. Sal-mument li l-attur jipprezenta tali rendikont iddettaljat u tali dokumenti, l-esponenti jinsab fl-impossibbilta' li jindika bi preciz id-difiza tieghu kontra kull ammont partikolari mitlub mill-attur, iktar u iktar meta l-attur qed jiddikjara li dan l-ammont mitlub minnu huwa "rapprezentanti, fost ohrajn spejjez u xoghlijiet inkorsi mill-attur fl-interessi tal-konvenut". Ghaldaqstant l-esponenti qieghed minn issa jirriserva d-dritt li jqajjem eccezzjonijiet u jaghti risposti iktar specifici fir-rigward tad-diversi negozji guridici li fuqhom l-attur qieghed isejjes it-talba tieghu u fir-rigward ta' kull ammont partikolari.

iii. Illi minn korrispondenza skambjata bejn il-partijiet fix-xhur precedenti l-prezentata ta' dan ir-rikors odjern, l-esponenti seta' jifhem li huwa kien ghad fadallu jhallas lill-attur is-somma komplessiva ta' €2381.24 u mhux dik mitluba mill-attur f'dan l-avviz. L-esponenti kien ripetutament offra din is-somma lill-attur u meta dan baqa' jirrifjuta li jaccetta dak il-hlas, l-esponenti kien kostrett jiddepozita dan l-ammont taht l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti bis-sahha tac-cedola pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Lulju 2013, Cedola Nru 147/2013 fl-ismijiet "Joseph Gauci vs Eucharist Gauci."

iv. Ghaldaqstant sa fejn jista' jifhem l-esponenti huwa ma fadallu jhallas xejn lill-attur.

v. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-risposta ulterjuri ta' Joseph Gauci a fol. 135 tal-process ammessa minn din il-Qorti permezz tal-verbal datat 9 ta' April, 2015 fejn eccepixxa kif isegwi:

Illi permezz tar-risposta originali tieghu, l-esponenti kien irrizerva d-dritt li jipprezenta risposti iktar specifici u eccezzjonijiet ulterjuri wara li l-attur jipprezenta rendikont iddettaljat tal-ammont pretiz minnu u d-dokumenti li jsostnu dik it-talba;

Illi issa li l-attur ipprezenta dan ir-rendikont, l-esponenti huwa fi grad li jidderigi ruhu ahjar fir-rigward ta' kull ammont partikolari mitlub mill-attur;

Ghaldaqstant huwa qieghed issa jqajjem dawn l-eccezzjonijiet ulterjuri:

1. L-ammont mitlub bhala rifuzjoni ghall-hlas ta' Servizzi Notarili mwettaq min-Nutar Enzo Dimech huwa kolpit bil-preskrizzjoni ta' 2156(f) tal-Kodici Civili;

2. L-ammont mitlub bhala rifuzjoni ghall-hlas tal-applikazzjoni ghas-servizz ta' ilma (Water Services Corporation) huwa wkoll kolpit bil-preskrizzjoni ta' 2156(f) tal-Kodici Civili;

3. Applikazzjoni ghas-servizz tad-dawl li jinkludi wkoll il-hlas ghas-servizz ta' perit ghall-compliance) huwa wkoll kolpit bil-preskrizzjoni ta' 2156(f) tal-Kodici Civili;

4. L-ammont mitlub bhala rifuzjoni ghall-konsum u service charge tad-dawl tal-komun kien gie ddepozitat il-Qorti permezz ta' cedola ta' depozitu li kopja taghha diga' giet esebita fil-kawza.

5. L-ammont mitlub fir-rigward ta' materjal u labour fil-pipes tad-drenagg u ta' ilma tal-bjut huwa wkoll kolpit bil-preskrizzjoni ta' 2156(f) tal-Kodici Civili.

6. L-istess jinghad fir-rigward tat-tikhil, kisi, tibjid u tpoggija ta' madum fil-komun u tromba tat-tarag minn barra.

7. L-ammont mitlub bi hlas ta' materjal u labour ta' dawl fil-common parts ta' kaxxa tat-tarag u pump room minn mal-meter sa pump room u sal-bejt fuq nett huwa wkoll kolpit bil-preskrizzjoni ta' 2156(f) tal-Kodici Civili.

8. L-ammont mitlub bi hlas ta' Materjal u labour ta' dawl u ilma ta' 5 mains ta' ilma bl-acorn u 5 mains dawl b'cables – 3 ta' flats u 2 mahsubin ghal fuq u dawl fil-garage huwa wkoll kolpit bil-preskrizzjoni ta' 2156(f) tal-Kodici Civili.

9. Hekk ukoll l-ammont mitlub bi hlas ta' Materjal u labour ta' kostruzzjoni fil-pump room, fil-lift, fl-art u fuq il-bejt bhal xi bini, konkos, taqtiegh ta' blat, tikhil u tibjid huwa wkoll kolpit bil-preskrizzjoni ta' 2156(f) tal-Kodici Civili.

10. Xoghol ta' kostruzzjoni fil-garaxx bhal 2 koxox tal-bieb u arkapjan, gheluq ta' bieb bil-plywood u tellajna 4 ½ viegi gebel ghal 3 flats fuq wara huwa wkoll kolpit bil-preskrizzjoni ta' 2156(f) tal-Kodici Civili.

Rat l-affidavits, xhieda u dokumenti kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tat-23 ta' Ottubru, 2015 il-partijiet qablu li l-kawza tmur ghad-decizjoni bil-fakulta' li jsiru sottomissjonijiet f'terminu mpost fuq l-istess partijiet.

Rat is-sottomissjonijet esebiti fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti fil-qosor f'din il-kawza huma li l-partijiet fl-ewwel lok huma ahwa u fil-kawza l-attur qed iressaq talba ghall-hlas ta' spejjez minfuqa mill-attur fl-interess tal-konvenut f'binja ta' appartamenti li hija ko-proprjeta' bejn il-partijiet. Irrizulta lill-Qorti li originarjament l-art li fuqha nbniet din il-binja kienet inxtrat biss mill-konvenut u konsegwentement kien hemm ftehim mal-attur li jixtri nofs l-istess proprjeta'. Wara tali arrangament il-partijiet ftehmu li l-bini kellu jiehu hsiebu l-attur u fil-fatt saret il-kostruzzjoni. L-attur isostni li tax-xoghol ta' kostruzzjoni huwa thallas u esebixxa anki l-ircevuti ffirmati mill-konvenut f'dan ir-rigward kif ukoll ricevuta relatata mal-hlas ta' nofs il-valur tal-art (fol. 108 sa 110). L-attur isostni li wara li saret il-kostruzzjoni kien hemm xi xoghlijiet ta' 'finishings' kemm fil-garaxx proprjeta' tal-konvenut wahdu kif ukoll fil-partijiet komuni li kien

jonqos li jsiru. Skont l-attur dak dovut mill-konvenut relatat ma' dawn ix-xoghlijiet jammonta ghas-somma ta' €10,125.82 mitluba f'din il-kawza. Din is-somma hija b'mod dettaljat hafna spjegata u sopportata b'dokumentazzjoni fl-affidavit ta' l-attur a fol. 10 et seq tal-process.

Min-naha tieghu l-konvenut jammetti fir-risposta tieghu li huwa verament kellu jaghti s-somma ta' €2381.24 lill-attur u jsostni li fil-fatt iddepozita dan l-ammont fil-Qorti jiem qabel infethet il-kawza izda jikkontesta l-bqija tal-ammont. Fil-bqija fl-ewwel risposta tieghu a fol. 6 tal-process isostni li ma ghandu jhallas xejn aktar lill-attur. Fir-risposta ulterjuri tieghu a fol. 135 tal-process il-konvenut iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fil-konfront ta' diversi xoghlijiet li jifformaw parti mis-somma pretiza mill-attur.

Fl-ewwel lok ghandu jinghad li l-Qorti tqis li l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenut fl-ewwel risposta tieghu a fol. 6 tal-process gew sorvolati fil-mument li gie prezentat l-affidavit tal-attur u giet ammessa t-tieni risposta b'dana li llum dawn gew sorvolati.

Illi fir-rigward tat-tielet eccezzjoni tal-konvenut ghandu jinghad li ghalkemm irrizulta li huwa minnu fl-4 ta' Lulju, 2013 ftit jiem qabel il-prezentata tal-kawza giet depozitata s-somma ta' €2381.24 mill-konvenut jirrizulta lill-Qorti mill-ittra esebita a fol. 40 tal-process li saret f'isem l-istess konvenut is-somma li kienet qed tigi ammessa kienet ferm aktar u cioe' s-somma ta' €3502.16. Kien biss fic-cedola tal-4 ta' Lulju, 2013 li f'daqqa wahda l-konvenut qajjem il-kwistjoni ta' tpacija li kien qed jippretendi li ssir mas-somma dovuta lill-attur fir-rigward ta' merkanzija ta' snieter li skont hu ghadda lill-attur. L-attur jichad li din il-merkanzija ma gietx imhallsa minnu ghalkemm ma giet esebita l-ebda dokumentazzjoni li turi ricevuta tal-istess. Da parti tieghu izda ghalkemm il-konvenut qabad u naqqas mill-ammont dovut minnu s-somma ta' €1402.73 fic-cedola, fil-mument li pprezenta r-risposta tieghu ghall-kawza ma pprezenta l-ebda kontro-talba ghall-hlas tal-istess u ghaldaqstant din il-Qorti hija legalment prekluza milli tiehu konjizzjoni ta' dan l-ammont bhala mhallas lill-attur mill-konvenut.

Minn dak suespost jirrizulta li mill-anqas is-somma dovuta lill-attur certament tesorbita dak indikat fic-cedola ta' depozitu stante li jekk telimina l-allegata tpacija zgur huwa dovut lil-attur is-somma ta'

€3502.16. Ghal din ir-raguni it-tielet eccezzjoni tal-konvenut jirrizulta li mihjiex legalment gjustifikata u ser tigi michuda.

Fil-bqija jirrizulta li d-difiza tal-konvenut tistrieh kompletament fuq l-allegazzjonijiet tieghu li huwa hallas lill-attur, fl-affidavit tieghu jsostni li l-ammont mitlub mill-attur huwa esagerat, li ghandu jkun hemm tpacija ma' dak allegatament dovut lilu mill-attur u li fi kwalunkwe kaz l-ammonti rimanenti u mhux ammessi minnu stess huma preskritti.

**L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2156 (f):**

Illi kif gia nghad aktar 'il fuq il-konvenut fost diversi eccezzjonijiet ohra jqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fuq xoghlijiet u pretensjonijiet diversi kif ahjar dettaljati fir-risposta tieghu a fol. 135 u 136 tal-process.

Illi fir-rigward tal-preskrizzjoni allegata din il-Qorti taqbel perfettament mas-sottomissjonijiet tal-attur fin-nota tas-sottomissjonijiet tieghu u l-bosta gurisprudenza kkwotata mill-konsulent legali tieghu kif isegwi:

*'Dwar il-bqija jifdal l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li l-konvenut jindika bhala preskrizzjoni ai termini tal-Artiklu 2015(f) tal Kodici Civili. Apparti li dan l-Artiklu mhuwiex dak korrett ghall-preskrizzjonijiet simili, lanqas jirrizulta li setghet tigi opposta xi preskrizzjoni revi nkluz dik tal-hames snin eccepita prezenzjalment. Hemm zewg ostakoli ghal din il-preskrizzjoni, it-tnejn naxxenti mill-istess affidavit ta' Joseph Gauci, dan fejn isemmi illi dak illi qed jitlob Karistu Gauci huwa esagerat, fl-ahhar paragrafu tal-affidavit kif ukoll fejn qieghed jindika t-tpacija ossi l-kompensazzjoni. Dwar il-fatt illi ghall-kompensazzjoni m'ghamilx kontro-talba dan diga' gie trattat aktar 'il fuq f'din in-nota. Dwar din it-tpacija l-esponenti jallega illi l-hlas tal-istess armi u munizzjoni dejjem saru minnu u fi kwalnukwe kaz dawn ukoll huma preskritti izda kif diga' nghad, dwar dan ma saritx kontro kawza jew kawza u ghalhekk qatt ma nghataw eccezzjonijiet formali.*

*Dwar il-kompensazzjoni gie ritenut fis-sentenza* ***Guido J Vella vs Dr Emmanuel Cefai,*** *fil-hamsa (5) t'Ottubru elfejn u wiehed (2001) fil-Qorti tal-Appell Superjuri illi*

*"L-eccezzjoni tal-kumpensazzjoni jekk tinghata wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni tikkostitwixxi rinunzja tacita ghall-istess preskrizzjoni. Il-preskrizzjoni hija nkompatibbli mal-eccezzjoni tal-kompensazzjoni. Xejn ma*

*jiswa li l-kompensazzjoni tigi opposta in sub ordine u bla pregudizzju tal-preskrizzjoni ghax bil-fatt tieghu stess il-konvenut li eccepixxa l-kompensazzjoni jigi li rrinunzja ghall-preskrizzjoni li hu ma jistax isalva b'semplici riserva."*

*L-insenjament gie segwit f'diversi sentenzi ohra tal-Qrati nostrani. Dan jaqbel ukoll ma' dak li jinsenja Troplong (Prescrizione par 66, 618 (8)) " La compensazione e una specie di pagamenti e non si paga un debito quando lo si vuol lascare prescrivere."*

*L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni lanqas hija kompatibbli mal-allegazzjoni li l-ammont mitlub hija esagerata. Din l-allegazzjoni hija kontestazzjoni tal-quantum u xejn aktar. Fl-ahhar parti ta' l-affidavit tieghu l-konvenut ghamel din l-allegazzjoni illi dak li kien qed jintalab minnu mill-attur huwa esagerat minghajr ma kkwalifikha anzi wara li rrealizza l-izball li ghamel fil-kontro ezami prova jahrab ghal kollox din id-domanda. Din l-allegazzjoni li l-ammont hu esagerat ukoll ixxejjen l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.*

*Hekk gie stabbilit ben tajjeb fil-kawza deciza fil-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***Guido J. Vella vs Dr. Emmanuel Cefai (deciza fil-5 ta` Ottubru 2001****) fejn il-qorti qalet:-*

*Eccezzjoni li l-ammont mitlub huwa esagerat hija nkonsistenti mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Din l-eccezzjoni ma tistax ma tinftiehmx hlief bhala ammissjoni tal-kreditu izda wkoll bhala kontestazzjoni tal-quantum.*

*L-istess ragunament sar mill-Prim Awla tal-Qorti civilli fis-sentenza fil-kawza* ***Patrick Stains noe vs Charles Farrugia noe. deciza fit-3 ta` Ottubru 2002*** *fejn gie ritenut illi:-*

*"Id-debitur li jammetti li ghandu jaghti lill-attur imma ma' jirrikonoxxix bhala ezatta s-somma preciza jigi li jirrinunzja ghall-preskrizzjoni".*

*Fuq l-istess ragunament hija s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet* ***Maltacom plc vs John Scriha deciza fit-30 ta` April 2003,*** *fejn il-qorti qalet:*

*"meta d-debitur jallega li hu m'ghandux jaghti daqskemm il-kreditur jippretendi minghandu jkun iffisser li huwa jkun irrinunzja tacitament ghall-preskrizzjoni"*

*Dan il-principju kien ukoll konfermat fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet ta' **Vincent Buhagiar noe vs Dr. Noel Arrigo et noe** (9/Ott/2003) fejn il-qorti qalet :-*

*"il-kontestazzjoni tal-ammont mitlub twassal ghall-interuzzjoni tal-preskrizzjoni u kwindi ghal rinunzja tal-istess".*

*Il-qorti tal-appell f'sentenza ricenti moghtija fis-16 ta` Frar 2004 fl-ismijiet **Alumnium Ltd. Vs Earli Ltd** waslet ghall-istess konkluzzjoni u f'sentenza wahda rrikapitolat dan il-principju meta qalet:-*

*"eccezzjoni li l-ammont mitlub huwa esagerat jew eccezzjoni tal-kompensazzjoni huma nkompatibli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni".*

*Sentenzi ohra f'dan is-sens huma s-segwenti **Maryrose Tabone nee' Stellini vs Silvio Vassallo propio et noe** deciza fl-24 ta` Marzu 2004 fejn il-qorti qalet hekk:-*

*Gie sewwa ritenut illi fejn id-debitur ma jichadx id-dejn imma semplicimen jikkontesta l-quantum ta' l-ammont dovut allegat mill-kreditur, id-debitur ikun qieghed jinterrompi u tacitament jirrinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri. Dan japplika wkoll jekk ir-rikonoxximent isir wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni.*

*Kif ukoll is-sentenza moghtija fil-kawza **Ramel u Zrar Ltd. Vs Mixer Ltd.et** deciza fit-22 ta' April 2004 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili u finalment ukoll is-sentenza moghtija fit-28 t'April 2004 fl-ismijiet **Peter Busutill vs Public Broadcasting Services Ltd.** fejn il-qorti qalet hekk:-*

*Jezistu sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni eccepita ma jibqala l-ebda valur meta din takkompanja eccezzjoni ohra li maghha hija nkonciljabbli u nkompatibbli. Dan jigri, tipikament, fejn l-attitudni tad-debitur ma tkunx dik tad-difiza tal-inezistenza tad-debitu jew tac-cahda tad-dritt u l-azzjoni tal-attur izda tas-semplici kontestazzjoni tal-ammont. Konformement bhal fil-kaz tal-eccezzjoni tal-kompensazzjoni, eccezzjoni konsimili timporta rikonjizzjoni tad-dejn u dan ir-rikonoxximent jinterrompi l-preskrizzjoni, u jimporta wkoll rinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun gja kompjuta.' (fol. 135 et seq)*

Illi fil-kaz odjern jirrizulta lil din il-Qorti li fid-difiza tieghu l-konvenut fl-istess nifs:

(1) ikkontesta l-ammont dovut minnu tant li pprezenta cedola b'ammont anqas minn dak mitlub minnu liema ammont din il-Qorti gia ddikjarat li zgur mhux dak dovut ghaliex jiehu in konsiderazzjoni tpacija li fir-rigward taghha ma giet prezentata l-ebda kontro-talba,

(2) jippretendi li ssir tpacija ta' ammont li mhux parti minn dawn il-proceduri,

(3) fl-affidavit tieghu jsostni bla ebda tlaqliq li l-ammont mitlub minnu minn huh huwa esagerat ghalkemm fil-kontro-ezami f'dan ir-rigward jipprova jingabar u jipprova jaghti x'jifhem li dik il-kelma 'esagerat' ghandha tinftiehem li hu qed isostni li thallas,

(4) li dak li mhux ammess minnu gie mhallas, u

(5) finalment fir-risposta ulterjuri jqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Applikati l-principji tal-gurisprudenza kif abbilment kwotati mil-legali tal-attur jirrizulta lil din il-Qorti li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqajjma mill-konvenut fi stadju noltrat ta' din il-kawza kienet gia mminata minnu stess fl-atti mill-anqas mill-pretensjoni tal-kompensazzjoni u mill-kontestazzjoni tal-ammont dovut li t-tnejn li huma anki mehuda wahedhom igibu maghhom rinunzja ghall-preskrizzjoni.

Ghar-ragunijiet suesposti din il-Qorti ser tghaddi biex tichad l-eccezzjonijiet kollha mqajjma mill-konvenut relatati mal-preskrizzjoni.

**Mertu:**

Fil-mertu jibqa' li jigi kkunsidrat jekk l-attur ressaqx provi bizzejjed quddiem din il-Qorti sabiex isostni l-pretensjoni tieghu u jekk l-eccezzjoni rimanenti tal-konvenut u cioe' dik tal-hlas hijiex gjustifikata jew le.

Mill-atti jirrizulta lil din il-Qorti li l-attur ressaq bosta xhieda li jikkorroboraw il-fatt li x-xoghlijiet fil-binja in kwistjoni saru minnu u nies mqabbda minnu. Dan huwa sahansitra ammess mill-istess konvenut. L-istess attur ressaq ukoll bosta dokumentazzjoni li tikkorrobora l-ispejjez li huwa ghamel f'din il-binja, mhux ghall-kostruzzjoni ghaliex dawk il-Qorti fehmet u rat dokumentazzjoni li

huma gia mhallsa, izda sabiex saru xi xoghlijiet ohra wara l-kostruzzjoni fil-garaxx tal-konvenut u fil-partijiet komuni nkluz applikazzjonijiet mal-MEPA u ghad-dawl u l-ilma. Il-Qorti rat ukoll li l-attur ma qabadx u fetah il-kawza kontra l-konvenut izda baghat diversi ittri sabiex possibilment huwa jithallas minghajr ma jkun hemm bzonn li jidhol il-Qorti kontra huh stess (a fol. 35 et seq tal-process). Nonostante dan il-konvenut baqa' ma hallasx ghalkemm qabel ma nqalghu d-disgwidi familjari bejn l-ahwa rrizulta li ma kien isib l-ebda problema sabiex ihallas lil huh. Il-Qorti mill-atti rat ukoll li ghalkemm l-attur jista' jkun bniedem ta' certu karattru, finalment huwa persuna li fejn tidhol dokumentazzjoni u ricevuti jzomm kollox u kien kapaci jesebixxi quddiem il-Qorti tista' tghid id-dokumentazzjoni kollha relatata mal-kaz nonostante li whud minnha kienet tmur lura anki ghexieren ta' snin. In vista ta' dak kollu suespost u wkoll abbazi tal-ispjegazzjoni dettaljata moghtija mill-attur dwar l-ammonti dovuti lilu mill-konvenut fl-affidavit tieghu a fol. 10 et seq tal-process din il-Qorti tqis li l-pretensjoni tal-attur giet sufficjentement pruvata sal-grad rikjest mil-ligi.

Min-naha l-ohra l-konvenut isostni li l-ammonti kontestati huma fil-fatt kontestati ghaliex skont hu gia hallas lill-attur. Dan apparti dik il-parti tal-ammont li huwa jsostni li kellu jsir tpacija u li din il-Qorti ma laghqetx tali argument. Il-Qorti izda nnotat li nonostante li l-konvenut gie mitlub diversi drabi jekk ghandux xi dokumentazzjoni li tevidenzja tali hlas il-konvenut baqa' jsostni li ma ghandux ghaliex skont hu huwa kien jaqbad u jhallas u ma jitlob xejn bhala evidenza lil huh ghaliex kien jafdah. Din il-Qorti izda ma tqisx li dan huwa veritier ghas-semplici fatt li gew esebiti diversi ricevuti mill-attur li saru bejn il-partijiet u dawn imorru lura s-snin cioe' ghaz-zmien li l-partijiet ma kienux miksurin bejniethom u xorta wahda kienu jsiru l-ircevuti bejniethom. Minn dak li rat mill-atti u mill-mod kif il-partijiet kienu jahdmu bejniethom il-Qorti tqis illi kieku kien hemm hlasijiet ohra da parti tal-konvenut kienet ser tintalab u kien ser ikun hemm xi tip ta' dokumentazzjoni jew ricevuta li tevidenzja dan kollu. Il-Qorti tinnota wkoll li n-nuqqas ta' hlas mill-konvenut jikkombaca wkoll maz-zmien, ammess minnu stess fil-kontro-ezami, li fih bdew il-problemi familjari bejn il-partijiet relatati mal-kwistjoni ta' hlas ta' servigi mill-konvenut u hutu lill-attur. Il-Qorti ma tqisx li dan il-fatt huwa biss b'kumbinazzjoni.

F'dan il-kuntest il-Qorti ssostni wkoll li taqbel mal-gurisprudenza kkowtata mill-attur dwar dan il-punt kif isegwi:

'**John Cini vs Rita Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju 1982 fejn gie ritenut

*"Dwar l-eccezzjoni tal-pagament qalet sewwa l-Ewwel Qorti li din il-prova tispetta lill-konvenut li qed jghid li hallas. Hu principju mhux kontestat il-materja infatti illi "la prova del pagamento e a peso del convenuto che lo allega", kif kienet iddecidiet il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju 1885 fil-kawza Negte Michele Apap nomie ve Giuseppe Grech. Fil-Gurisprudenza taghna gie konstantament ritenut illi l-piz tal-prova ta' pagament tkun fuq il-konvenut li jallegah u jekk hemm xi dubbju, dak id-dubbju ghandu jkun rizolt favur l-attur"* (Vol XXXV, Prt iii, pg 604).'

Il-Qorti ma tqisx li l-konvenut fil-kawza odjerna ssodisfa dan ir-rekwizit anzi tqis li lanqas lontanament ma jista' jitqies li ressaq prova tal-hlasijiet allegati minnu.

## Decizjoni

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha mqajma mill-konvenut relatati mal-preskrizzjoni, tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet attrici billi tiddikjara lill-konvenut debitur tal-attur ghas-somma ta' ghaxart elef mija hamsa u ghoxrin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€10,125.82) u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmi ammont ta' ghaxart elef mija hamsa u ghoxrin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€10,125.82).

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-kawza sad-data tal-pagament effettiv.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur